## Brincat Anna at Parlament-MT

**From:** Cutajar Christopher at MFT
**Sent:** Tuesday, 25 February 2025 17:00
**To:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Cc:** Darren Carabott; Muscat Alexander at Parlament-MT; Sant Josette at MFT; Permanent Secretary at MFT
**Subject:** RE: Dokumenti mitluba mill-PAC

Sa Brincat,

B'rabta mat-tliet domandi li għamiltli permezz tal-email t'hawn taħt, qed nippreżenta t-tweġibiet hekk kif ġej:

1) **'kopja ta' kwalunkwe ftehim li jeżisti bejn VisitMalta, jew l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, u Manchester United Football Club'**

Id-dokumentazzjoni mitluba ġja' kienet ġiet intavolata fil-Kamra tar-Rappreżentanti permezz ta' tweġiba għal domanda Parlamentari nru. 23706 li huma faċilment aċċessibbli permezz tal-link: https://pq.gov.mt/pqweb.nsf/06d013e9f9ab0283c12568f50054014f/c1257d2e0046dfa1c1258c3000411874!OpenDocument

2) **X'kienet ir-rabta tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fil-Malta Film Week u l-Malta Film Festival; u**

Skont it-tagħrif miġbur minn MTA f'Jannar 2022 l-MTA iffirmat ftehim ta' *sponsorship* ta' €500,000 għall-Malta Film Week li saret bejn l-24 u d-29 ta' Jannar 2022. Dan il-ftehim ma reġax sar fis-snin sussegwenti, ċjoe' 2023 u 2024. Fl-2024 l-MTA ospitat (titjiriet, akkomodazzjoni u programm lokali ta' jumejn) lil sitt (6) *influencers* li ġew mistiedna f'pajjiżna sabiex jippromwovu l-industrija tal-films ta' pajjiżna; kif ukoll lil Malta bħala destinazzjoni.

3) **Jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tikkalkulax l-impatt tal-films fuq is-settur tat-turiżmu f'pajjiżna.**

L-MTA għarrfitni li m'għandhiex kalkolu ta' din ix-xorta. Għarrfitni wkoll li mis-sondaġġi li tagħmel jirriżulta li kważi 3% ta' dawk li jżuru pajjiżna jgħidu li wieħed mill-fatturi li influwenzahom jiġu btala f'Malta huma l-films u produzzjonijiet viżivi oħra li ġew iffilmjati fil-Gżejjer Maltin.

Tislijiet,


Christopher Cutajar
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

t +356 22041105 e christopher.a.cutajar@gov.mt
foreign.gov.mt | tourism.gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

OFFICE OF THE DEPUTY
MINISTRY FOR FOREIGN A
7, ST PAUL'S STRE


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT <anna.brincat@parlament.mt>
**Sent:** 20 February 2025 10:13
**To:** Cutajar Christopher at MFT <christopher.a.cutajar@gov.mt>

**Cc:** Darren Carabott <carabottdarren@gmail.com>; Muscat Alexander at Parlament-MT <alexander.muscat@parlament.mt>
**Subject:** Re: Dokumenti mitluba mill-PAC

**Is-Sur Christopher Cutajar**
**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu**

Ippermettili nfakkrek li waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Frar, il-Kumitat talbek tibgħat kopja ta' kwalunkwe ftehim li jeżisti bejn VisitMalta, jew l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, u Manchester United Football Club, kif ukoll informazzjoni dwar:

- X'kienet ir-rabta tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fil-Malta Film Week u l-Malta Film Festival; u
- Jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tikkalkulax l-impatt tal-films fuq is-settur tat-turiżmu f'pajjiżna.

Filwaqt li nirringrazzjak, nibgħat inselli għalik.

Anna Brincat
Clerk to the Public Accounts Committee
Standing Committee for the Environment, Climate Change and Development Planning
National Audit Office Accounts Committee

**t:** +356 25596308 **e:** anna.brincat@parlament.mt | www.parlament.mt

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
FREEDOM SQUARE, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*